**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 30/2015**

**Maria Dolores Vella**

**vs**

**Carmelo Bugeja**

**Illum, 20 ta' Frar 2017**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti hija sid il-fond 24, Triq il-Mithna, Bormla mikri lill-intimat, versu l-hlas ta' kera fis-somma ta' tletin Lira Maltin (LM30) ekwivalenti ghal disgha u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88) fis-sena pagabbli fil-31 ta' Dicembru ta' kull sena, bil-quddiem, illi mis-sena 2010 zdiedet ghal-mija u hamsa u tmenin Ewro (€185.00) fis-sena, ai termini tal-emendi illi saru fil-Ligi tal-Kera, pagabbli fl-

istess jum bil-quddiem, hekk kif gie informat permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Gunju 2011, hawn annessa u mmarkata Dok A;

2. Illi l-inkwilin intimat naqas milli jhallas il-kera sa mis-sena 2009;

3. Illi effettivament, l-intimat baqa’ ma hallasx il-kera dovuta mis-sena 2009 sa llum u cioè ghal iktar minn tliet skadenzi;

4. Illi effettivament, f’dan il-kaz, l-esponenti baghtet avviz bil-miktub lill-intimat permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Gunju 2011 u ittra ufficjali pprezentata fit-23 ta’ Awwissu 2012, li kopja taghhom qeghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. A u B, rispettivament illi permezz taghhom l-inkwilin intimat gie interpellat ihallas l-kera;

5. Illi minkejja dan, l-intimat baqa inadempjenti;

6. Illi l-intimat ghalhekk huwa debitur ta’ l-esponenti fl-ammonti ta’ €1179.88 rapprezentanti l-kera mis-sena 2009 sa llum;

7. Illi in oltre, minghajr pregudizzju u in linea sussidjarja l-intimat qieghed jonqos milli jzomm il-fond f’kundizzjoni tajba, u effettivament ma jidhirx illi ghadu jirrisjedi fih tant illi meta giet ipprezentata l-ittra ufficjali hawn imsemmija lanqas biss setghet issir notifika personalment lilu fl-istess indirizz;

8. Illi fic-cirkostanzi l-kirja ghandha tigi terminata stante ksur tal-obbligi tal-intimat kif hawn fuq permess;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dan il-Bord m’ghandux, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna:

1. Jiddikjara t-terminazzjoni tal-lokazzjoni tal-fond 24, Triq il-Mithna Bormla u jawtorizza lir-rikorrenti tirriprendi l-pussess u dan minhabba nuqqas ta’ hlas ta’ kera, abbandun u nuqqas ta’ manutenzjoni ta’ l-istess fond;

2. Tordna lill-intimat sabiex, f’terminu qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat ghal dan l-iskop, jitlaq u jizgombra mill-fond 24, Triq il-Mithna, Bormla u tawtorizza fin-nuqqas lir-rikorrenti sabiex tizgombra lill-intimat anke permezz ta’ sgass jekk ikun il-kaz;

3. Tiddikjara l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta’ €1179.88 rapprezentanti l-arretrati ta’ kera bejn is-sena 2009 u llum;

4. Tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma hekk dovuta skont it-tielet talba:

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ meta saru dovuti l-pagamenti relattivi sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-intimat li jibqa` issa ingunt ghas-subizzjoni, u b’kull rizerva ghall-azzjoni ghall-hlas tad-danni riskontrandi, *si et quatenus.*

Ra illi l-intimat minkejja li debitament notifikat, kif jirrizulta a folio 26 et sequitur tal-process, baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qieghda titlob (a) dikjarazzjoni tat-terminazzjoni tal-lokazzjoni tal-fond 24, Triq il-Mithna, Bormla u ripreza tal-istess; (b) zgumbrament tal-intimat; (c) dikjarazzjoni li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' €1179.88; u (d) kundanna tal-intimat ghall-hlas tal-imsemmija somma. Bl-ispejjez u l-imghax legali.

Illi l-intimat baqa' kontumaci mhux biss ghax ma prezenta l-ebda risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti izda wkoll baqa' ma deherx tul dawn il-proceduri.

Illi mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u ghalhekk jimmeritaw illi jigu milqugha.

Ghaldaqstant, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' zmien tletin jum mil-lum, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali relattiva u cioè 11 ta' Jannar 2013, u bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur